ARBITRU

Dott. Deborah Schembri

Seduta ta' nhar it-Tnejn, 09 ta' Ġunju, 2025

Talba Nru: CCT246/24/DS

Pierre Ancilleri

Vs

Top Choice Ltd.

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fit-22 ta' Novembru, 2024 fejn talab illi s-soċjeta' intimata l-ammont ta' erbgħa mija u disgħa u għoxrin Ewro f'riżarċiment għal scooter illi huwa jsostni illi nqasam mingħajr traskuragni tiegħu u li kien għadu fiż-żmien tal-garanzija ;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ daħħlet risposta fl-24 ta' Diċembru, 2024;

Ra illi l-partijiet preżentaw il-pużizzjoni tagħhom waqt dawn il-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda prodotti, bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi l-attur kkonferma il-punti essenzjali tat-talba tiegħu, bl-informazzjoni illi niżżel fiha, taħt ġurament kif ukoll żied xi nformazzjoni addizzjonali permezz tax-xhieda tiegħu.

Illi s-soċjeta' intimata tat ir-risposta tagħha fejn spjegat għaliex fl-opinjoni tagħha dak mitlub ma setgħax jintlaqa' minnha.

Illi l-fatti in suċċint huma s-segwenti. L-attur xtara scooter illi jsostni illi nqasam mingħajr traskuragni bl-implikazzjoni illi l-prodott kien difettuz u għaldaqstant peress li kien għadu fil-perjodu tal-garanzija għandu jiġi riżarċit prezzu.

S-soċjeta' attriċi saħqet illi bil-ħsara illi kellu l-iscooter deher ċar illi dan kien użat ħażin għaliex "fejn hemm il-pati tal-ħadid solida li tintuża biex tgħaqqad magħha l-istand, din ġiet imqaċċta minn postha. Barra minn h ekk il-kanna tal-iscooter ġiet imqaċċta mhux mill-punt fejn hija wweldjata iżda nkissret minn nofs". Għalkemm l-attur isostni illi ibnu kien juża l-iscooter fil-playground biss u mhux fit-triq dan it-Tribunal, wara li kkunsidra l-provi kollha miġjuba quddiemu u stante n-natura tal-ħsara u l-fatt illi fl-ebda punt ma nġiebet prova illi l-iscooter kellu l-imsemmija difetti mill-bidu (għaliex huma difetti ben viżibbli), jtendi li jirritjeni l-verżjoni tas-soċjeta' intimata bħala l-aktar verosimili.

Illi f'dan l-isfond dan it-Tribunal ma jsibx illi t-talba tal-attur hija ġustifikata fil-liġi mix-xhieda li ngħatat u mill-provi dokumentarji illi ġew prodotti fl-atti u għaldaqstnat m'hemmx bażi legali sabiex din it-talba tiġi akkolta.

Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti ma provax il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi miċħudha fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tal-attur.

Bl-ispejjes kontra l-istess attur.

Deborah Schembri
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

Arbitru